MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Numru 182/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**VS**
**ROMINA AZZOPARDI**
**ALOYSIA SCHEMBRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Romina Azzopardi ta’ 21 sena, bint Jason u Georgina nee’ Farrugia, imwieled Pieta’ fil-15 ta’ Gunju 1988, residenti 36, Fuq Verdala, Bormla  detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 280288M.

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Aloysia Schembri ta’ 19-il sena, bint Christopher Schembri u Mary nee’ Camilleri, imwielda Pieta’ fis-16 ta’ Ottubru 1990, residenti Dar Niki Cassar, Triq San Pawl, Valletta u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 494590M.

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Dominic Agius ta’ 16-il sena, iben missier mhux maghruf u Doris (Dolores) Agius, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Awwissu 1993, residenti Dar Niki Cassar, Triq San Pawl, Valletta u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 474893M.

Illi Aloysia Schembri u Domnic Agius huma akkuzat talli matul il-gurnata tal-24 ta’ Frar 2010 gewwa Dar Niki Cassar, YMCA Hostel sitwata fi Triq San Nikola, Valletta bhala residenti gewwa l-istess ‘hostel’ assocjaw ruhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt u dan meta:

1. Ikkommettew serq ta’ lap-top li l-valur tieghu jeccedi l-ammont ta’ Euro232.94 liema reat huwa agravat bil-Valur u bil-Persuna, ghad-detriment ta’ Rennie Cutajar detentur tal-karta tal-identita 164190M u persuni ohra;
2. Xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew, xjetement, b’kull mod indahlu biex ibghuhom jew imexxuhom;

Illi Romina Azzopardi hija akkuzata talli wahedha fl-istess jum u cirkostanzi:

3. Xjentement ghenet jew assistiet lil Aloysia Schembri u Dominic Agius fl-atti li bihom sar ir-reat;
4. U aktar talli fl-istess data, u cirkostanzi, xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew, xjentement, b’kull mod indahlet biex tbighhom jew tmexxihom;
5. U aktar talli b’hekk saret recidiva b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta nhar is-27 ta’ Gunju 2009 mill-Qorti kif preseduta mill-Magistrat Dr. A.G. Vella LL.D., liema sentenza saret definittigva u ma tistax tigi mibdula;
6. U aktar talli b’hekk ghamlet reat g’perijodu operattiv ta’ Ordni ta’ Probation moghtia lilha mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. nhar it-18 ta’ Settembru 2009.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kas jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat is-sentenza taghha fil-konfront tal-imputat Domnic Agius detata fil- 26 ta Frar 2010;

Semghet l-ammissjoni tal-imputata Aloysia Schembri tal-26 ta Frar 2010;

Semghet il-konferma ta din l-ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal- ripensament ;

Semghet l-ammissjoni tal-imputata Romina Azzopardi tal-1 ta Marzu 2010;

Semghet il-konferma ta din l-ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal- ripensament ;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi z-zewg imputati f’dan il-kas, bhal co imputat Domnic Agius ammettew l-akkuzi kif detotti kontra taghhom. Id-differenza drastika bejn iz-zewg imputati Schembri u Azzopardi hija  wahda u tikkonsisti fil-fatt illi Aloysia Schembri bidet u issoktat bis-serjeta fi program ta ribalitazzjoni kontra id-droga u din il-qorti kellha l-opportunita issegwi mill-qrib il-progress taghha mir-rapporti tad-dirigenti tal-programm.

Ghal kuntrarju taghha Romina Azzopardi baqghet dejjem tilluzinga,  dejjem bi hsiebha tibda il-programm pero ma waslet qatt u dana minkejja l-isforzi konsiderevoli ta din il-qorti u tad-dirigenti tal-programm sabiex isibu post ghal imputata Azzoppardi minkejja l- *waiting list* twal taghhom.

Illi ghal dawn il-mottivi u fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti issib lil Romina Azzopardi hatja tat-tielet(3) il-

hames(5) u s-sitt(6) akkuza mhux hatja tar-raba(4) akkuza li hija alternattiva ghat-tielet(3) akkuza li minnha tilliberaha ; issib lil Aloysia Schembri hatja ta l-ewwel (1) akkuza mhux hatja tat-tieni (2) akkuza li minnha tilliberaha u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, 278, 42, 49, u 50 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta u artiklu 7 u 23 tal- Kap 446 tal-Ligijiet ta Malta tikkundanna lil Romina Azzoppardi ghal sena prigunerija; u tarrokkomanda lid-Direttur tal- Facilita Korrettiva ta Kordin li mill-aktar fis possibli jawtorizza lil istess Romina Azzoppardi tibda u tikkompleta programm ta riabilitazzjoni kontra d-drogi u xorb alkoholiku fi hdan l-istituzzjonijiet appositi addetti mal-Facilita; tqieghed lil Aloysia taht Ordni ta Prohbation ghal perjodu ta sentejn taht is-sorveljanza tal- Direttur tal- Prohabation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. In oltre tohrog kontra Aloysia Schembri Ordni ta Trattament sabiex l-istess imputata Schembri tkompli l-programm ta riabilitazzjoni kontra d-droga mill-istutuzzjoni li diga qed issegwi.

Illi din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati,l-eta govanili taghhom, l-impenn ta Aloysia Schembri tinqala mill-vizzju tad-droga, l-fedini penali taghhom, u n-nuqqas ta hila ta Romina Azzopardi illi issegwi program ta ribalitazzjoni minn rajha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------